**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT DR. KEVAN AZZOPARDI B.A., LL.D.**

**SEDUTA DISTRETT SLIEMA**

Illum, 9 ta' April 2025

Każ Numru: 2170/2025

**IL-PULIZIJA**
**vs**
**Mario Hammett**
(Detentur tal-karta tal-identità bin-numru 733959M)

**Il-Qorti,**

Wara li rat l-imputazzjoni miġjuba fil-konfront tal-imputat, Mario Hammett, imwieled fit-8 ta' Novembru 1959, Pietà, Malta, bin Anthony Hammett u Rita Hammett nee Brincat, residenti 53, Triq Il-Kbira, Sliema u detentur tal-karta tal-identità bin-numru 733959M, akkużat talli fix-xahar ta' Diċembru, 2024 ġewwa fond bl-isem Hammett's Gastro Bar, 33, 34, Xatt ta' Tigne Street, Sliema:

*1. Bħala persuna li f'ismek għandek il-liċenzja, ippermettejt jew ħallejt li f'dan il-ħanut (kemm bi nhar jew bil-lejl) isir kant jew ħsejjes li setgħu jdejqu jew b'xi mod ieħor jiddisturbaw lill-ġirien, u / jew inqast li tibgħat 'il barra mill-ħanut lil kull min kien xurban jew li bi kliem, ġesti jew xort' oħra wera li ried iqajjem storbju. Reg.23 L.S.10.09*

*2. Ħaddimt jew ġiegħlet jew ippermettejt li jitħaddem loud speaker jew gramafon jew amplifikatur jew apparat ieħor simili, jew ġegħelt jew ippermettejt li jsiru ħsejjes daqshekk qawwija li dejqu lill-ġirien li joqgħodu f'bini fil-qrib. Kap.10*

Rat illi waqt is-seduta tal-lum 9 ta' April 2025, l-Uffiċjal Prosekutur iddikjara illi ma għandux aktar provi xi jressaq, filwaqt li d-difiża ddikjarat li m'għandiex provi xi tressaq.

Semgħet ix-xhieda.

Rat l-atti proċesswali kollha tal-każ odjern u d-dokumenti esebiti.

Rat li l-prosekuzzjoni irrimettiet ruħha għal-atti.

Semgħet it-trattazzjoni finali tad-difiża.

**Ikkunsidrat**

**A. <u>Fatti tal-każ</u>**

Illi dan il-każ jitratta rapport li sar minn Julian Magri Overend lill Awtorita għat-Turiżmu u li sussegwentement ġie rrappurtat lill-Pulizija liema rapport sar minħabba storbju ta' mużika eċċessiva minn stabbiliment bl-isem ta' Hammett's Gastro Bar, Tigne Seafront, Sliema wara l-ħin tal-ħdax ta' bil-lejl fix-xahar ta' Diċembru 2024. Il-persuna leża tallega li saru diversi rapporti permezz ta' telefonati fl-għassa tas-Sliema, biss il-prosekuzzjoni ma rriżultawlhiex rapporti formali f'dan is-sens.

**B. <u>Kunsiderazzjoni dwar ħtija o meno</u>**

**1. Konsiderazzjonijiet Legali fir-rigward tal-Livell ta' Prova Rikjesta**

Illi huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-aħjar provi sabiex tikkonvinċi lill-Qorti li l-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputat huma veri.

Huwa prinċipju bażiku pprattikat mill-Qrati tagħna fil-proċediment kriminali li biex l-imputat jiġi ddikjarat ħati, l-imputazzjonijiet dedotti għandhom jiġu ppruvati oltre kull dubju raġonevoli, ċioé oltre kull dubju dettat mir-raġuni.

Hawnhekk il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija **mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-7 ta' Settembru 1994 fl-ismijiet Il-Pulizija vs. Philip Zammit et** u tgħid pero' mhux kull l-iċken dubju huwa biżżejjed sabiex persuna akkużata tiġi ddikjarata liberata. Hemm bżonn li *"dubju jkun dak dettat mir-raguni"*.

Fil-fatt fis-sentenza mogħtija **mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-5 ta' Diċembru 1997 fl-ismijiet Il-Pulizija vs. Peter Ebejer**, dik il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilħaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jħalli ebda dubju dettat mir-raġuni u mhux xi grad ta' prova li ma jħalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistgħux jitqiesu bħala dubji dettati mir-raġuni. Fi kliem ieħor, dak li l-Ġudikant irid jasal għalih hu, li wara li jqis iċ-ċirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-bon sens tiegħu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni.

Fil-fatt dik il-Qorti ċċitat l-ispjegazzjoni mogħtija minn **Lord Denning fil-każ Miller vs. Minister of Pension - 1974 - 2 ALL ER 372** tal-espressjoni *"proof beyond a reasonable doubt"*.

*"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable' the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice".*

2. **L-Ewwel Imputazzjoni:** *"1. Bħala persuna li f'ismek għandek il-liċenzja, ippermettejt jew ħallejt li f'dan il-ħanut (kemm bi nhar jew bil-lejl) isir kant jew ħsejjes li setgħu jdejqu jew b'xi mod ieħor jiddisturbaw lill-ġirien, u / jew inqast li tibgħat 'il barra mill-ħanut lil kull min kien xurban jew li bi kliem, ġesti jew xort' oħra wera li ried iqajjem storbju. Reg.23 L.S.10.09"*

Id-difiża ssostni li din l-akkuża ma għandiex tirriżulta abbażi tal-fatt li l-imputat ma għamilx rapport jew rapporti l-għassa u b'riżultat ta' dan il-Pulizija ma ttellawx jixhdu dwar l-ispezzjoniji jew spezzjonijiet li kellhom isiru jew li saru biex jiġi aċċertat l-istorbju u l-inkonvenjent. Ulterjorment issostni li l-unika prova li hemm fil-proċess hija dik tal-parti leża u hija biss il-kelma tiegħu.

Din il-Qorti tibda biex tinnota li tul ix-xhieda tiegħu il-parti leża jsostni li huwa ċempel lill-pulizija diversi drabi dwar l-istorbju peress li fix-xahar ta' Diċembru kien hemm ħafna "parties". Ix-xhud jagħmel referenza għal lista ta' kull darba li ċempel l-għassa peress li kien hemm dan l-istorbju, liema lista huwa ippreżenta fl-atti bħala Dok JM01. Huwa sussegwentement jissostanzja l-fatt li ċempel diversi drabi b'dokumenti ulterjuri ossia call log tal-mobile phone tiegħu (Dok IA1) u NPS report dwar l-imsemmija telefonati (Dok IA3) li għalkemm sar wara d-data tal-inkonvenjent ikompli jsaħħaħ il-verżjoni ta' kif ġraw l-affarijiet:

*"...*
***Julian Magri Overend:*** *Ċempilt diversi drabi jiġifieri f'Diċembru kien hemm ħafna parties u ...*
***Il-Qorti:*** *Diċembru ta' liema sena?*
***Julian Magri Overend:*** *Tas-sena l-oħra two thousand twenty four (2024).*
***Il-Qorti:*** *Two thousand twenty four (2024). Tiftakar xi ġranet meta kienu dawn il-parties?*
***Julian Magri Overend:*** *Iva għandi l-lista."*
*..."*

Il-parti leża tagħmel referenza għal imsemmija lista u tieħu d-data tad-9 ta' Diċembru bħala waħda mill okkażjonijiet varji msemmija fil-lista, fejn huwa kien sema' l-mużika għolja mill-appartament tiegħu li jiġi eżattament sovrappost l-istabbiliment in kwistjoni, Hammett's Gastro Bar:

*"...*
***Il-Qorti:*** *Called Sliema Police for loud music at Hammett ... u jiena qed nara 'Party Monday 09th December at 00:12 xi tfisser?*
***Julian Magri Overend:*** *Bil-lejl u f'nofs il-lejl.*
***Il-Qorti:*** *Mela x'ħin huwa dan u x'data hija, xi jkun ġara dakinhar u dak il-ħin?*
***Julian Magri Overend:*** *Kien hemm ħafna storbju u ma stajtx norqod u ċempilt lill-Pulizija ...*
***Il-Qorti:*** *Mela dak il-ħin kien hemm l-istorbju ...*
***Julian Magri Overend:*** *Iva ħafna storbju.*
***Il-Qorti:*** *U inti ċempilt lill-Pulizija.*
***Julian Magri Overend:*** *Ċempilt lill-Pulizija.*
***Il-Qorti:*** *Dak il-ħin?*
***Julian Magri Overend:*** *Iva dak il-ħin, għandi recording fil-mobile tiegħi.*
***Il-Qorti:*** *Il-ħin li qed jidher hawnhekk huwa l-ħin li ċempilt lill-Pulizija jew il-ħin fejn kien hemm l-istorbju li qed issemmi?*
***Julian Magri Overend:*** *It-tnejn għax kien hemm l-istorbju ...*
***Il-Qorti:*** *F'daqqa?*
***Julian Magri Overend:*** *Iva mela.*

***Il-Qorti:*** *Jiġifieri inti smajt l-istorbju u dak il-ħin ċempilt lill-Pulizija.*
***Julian Magri Overend:*** *Iva, għax ma stajtx norqod.*
***Prosekuzzjoni:*** *Sur Magri Overend inti qed issemmi li kien hemm l-istorbju, dan l-istorbju kien ġej minn fejn?*
***Julian Magri Overend:*** *Minn taħti, minn Hammett Gastrobar.*
***Prosekuzzjoni:*** *Inti żgur minn dan?*
***Julian Magri Overend:*** *Iva.*
***Prosekuzzjoni:*** *U qed tgħidilna li ċempilt lill-Pulizija. Ċempilt il-Pulizija ta' liema lokalita'?*
***Julian Magri Overend:*** *Tas-Sliema.*
***Prosekuzzjoni:*** *Tas-Sliema. Hammett's Gastropub l-istabilliment li skont inti kien ġej il-mużika minnu taf fejn qiegħed sitwat bħala lokalita'?*
***Julian Magri Overend:*** *Ehe, x-Xatt ta Tigne'.*
***Prosekuzzjoni:*** *Ix-Xatt ta' Tigne' tajjeb u lokalita'?*
***Julian Magri Overend:*** *Il-lokalita' qiegħed eżatt fejn il-Knisja tan-Nażżarenu.*
***Prosekuzzjoni:*** *Tajjeb, inti semmejt ukoll ix-xahar ta' Diċembru u preżentajt in-notamenti.*
***Julian Magri Overend:*** *Kemm il-darba ċempilt għandi r-recording fil-mobile.*
***Prosekuzzjoni:*** *Dawk in-notament jiġifieri għamilthom inti?*
***Julian Magri Overend:*** *Iva, iva, jiena.*
**…**"

Saħansitra l-parti leża tikkonferma li kellmet kemm il-darba lill Manager tal-imsemmi stabbiliment, u allura din il-Qorti m'għandiex dubbju minn fejn kien ġej l-istorbju. L'anqas m'għandha dubbju li dan l-istorbju kien qed idejjaq lill-imputat tant li ma kienx iħallieħ jorqod:

"…
***Il-Qorti:*** *Dawn il-parties kbar x'inhuma, x'sibt?*
***Julian Magri Overend:*** *Sibt burdell.*
***Il-Qorti:*** *Meta tgħid parties kbar iddiskrivi ftit ħu paċenzja dan il-party kbir.*
***Julian Magri Overend:*** *Inżilt isfel biex ngħidilhom biex ibaxxu l-mużika ovjament għax kien hemm burdell u mużika għolja ...*
***Il-Qorti:*** *Mużika għoli kemm għoli?*
***Julian Magri Overend:*** *Għoli ħafna li anke s-sodda tiegħi bdiet tiċċaqlaq ftit hawn titrembel u ...*
**…**
***Julian Magri Overend:*** *Okay. Mela nżilt isfel u kif eżatt inżilt isfel barra hemm l-ispeakers u kien hemm ...*
***Il-Qorti:*** *Mela, barra xiex?*
***Julian Magri Overend:*** *Barra l-istabbiliment ...*
***Il-Qorti:*** *U dawk l-ispeakers ta' min huma?*
***Julian Magri Overend:*** *Ta' Hammett, Hammett Gastrobar, hemm speakers kbar.*
***Il-Qorti:*** *Li kieku kelli nissuġġerilek ta' xi ħaddieħor dawn x'tgħidli?*

***Julian Magri Overend:*** *Le mhux ta' xi ħaddieħor, tiegħu.*
***Il-Qorti:*** *Tiegħu.*
***Julian Magri Overend:*** *Tiegħu għax qiegħdin eżatt taħt il-gallerija tiegħi fl-entrata ta' Hammett Gastrobar.*
*...*
***Il-Qorti:*** *U minn ġo dawn l-ispeakers x'kien ġej?*
***Julian Magri Overend:*** *Ħafna mużika, boom, boom, boom, trendy music.*
*..."*

Minbarra dak li jingħad hawn fuq dwar il-livell ta' prova fil-kamp penali, din il-Qorti ssostni ukoll li xhud wieħed jekk emmnut huwa biżżejjed. Din il-Qorti m'għandiex dubbju dwar il-verżjoni tal-fatti kif spjegati mill-parti leża. Barra minn hekk ma nġiebet ebda prova mid-difiża li tista b'xi mod tikkontradixxi dak li qed jgħid il-parti leża. Lanqas ma tirriżulta xi prova mill atti li b'xi mod tikkontradixxi dak li jallega l-parti leża. Kif ingħad hawn fuq id-difiża ssostni li kien imissu nġiebet il-prova tal-Pulizija li jkunu għamlu spezzjoni biex jaċċertaw rwieħhom dwar l-istorbju. Din il-Qorti ma taqbilx ma din it-teżi u ssostni li jekk se mai kien hemm xi nuqqas da parte tal-pulizija, jew għax ma saritx spezzjoni, jew għax ma tnizzlitx f'rapport formali, jew inkella għax ma nġabitx il-prova fil-Qorti, dan ma għandux ibagħtih il-parti leża li ġab il-prova ta' dak li kien ġara permezz tax-xhieda tiegħu u anke provi ċirkostanzjali (il-call logs) li huma univoċi. Dwar dan issir referenza għal-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali deċiża fit-28 ta' Settembru 2006 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Marco Bugeja,** fejn ingħad:

*"Issa, ix-xiehda ta' xhud wieħed biss, jekk emmnut, hija biżżejjed biex tikkostitwixxi prova sħiħa u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku lfatt ikun ġie pruvat minn żewġ xhieda jew aktar. U kif ġie ritenut minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza fl-ismijiet Il-Pulizija vs. Joseph Thorne tad-9 ta' Lulju 2003, "mhux kull konflitt fil-provi għandu awtomatikament iwassal għal-liberazzjoni tal-persuna akkużata. Imma l-Qorti, f'każ ta' konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi skont il-kriterji enunċjati fl-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali u tasal għall-konklużjoni dwar lil min trid temmen u f'hiex ser temmnu jew ma temmnux".*

Il-prosekuzzjoni ġabet ukoll affidavit ta' Rappreżentant tal-Awtorita' għat-Turiżmu bħala prova li l-imputat huwa l-persuna liċenzjata għal-istabbiliment in kwistjoni.

Il-Qorti għaldaqstant hija sodisfatta li l-Prosekuzzjoni ppruvat l-ewwel imputazzjoni u se tkun qed issib lill-imputat ħati dwarha.

3. **It-Tieni Imputazzjoni:** **"***2. Ħaddimt jew ġiegħlet jew ippermettejt li jitħaddem loud speaker jew gramafon jew amplifikatur jew apparat ieħor simili, jew ġegħelt jew ippermettejt li jsiru ħsejjes daqshekk qawwija li dejqu lill-ġirien li joqgħodu f'bini fil-qrib. Kap.10"*

Il-Qorti tqis li din l-imputazzjoni hija assorbita fl-ewwel imputazzjoni u stante li titratta l-istess aġir u fatti, il-Qorti mhix sejra tirrepeti l-kunsiderazzjonijiet tagħha msemmija preċedentement. Il-Qorti tqis li din imputazzjoni tirriżulta sodisfaċentement ippruvata, u se tkun qed issib lill-imputat ħati dwar din it-tieni imputazzjoni, li kif ingħad hija assorbita fl-ewwel imputazzjoni.

C. **<u>Konklużjoni</u>**

Għal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat ir-Regolament 23 tal-Liġi Sussidjarja 10.09 u l-artikolu 41(2)(a)(b) tal-Kapitlu 10 tal-Liġijiet ta' Malta, ssib lill-imputat Mario Hammett, detentur tal-karta tal-identità bin numru 733959M ħati tal-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu u peress li t-tieni imputazzjoni hija assorbita fl-ewwel imputazzjoni tikkundannah għal piena ta' ammenda ta' ħamsin ewro (€50).

Il-Qorti tordna komunika ta' din is-sentenza lill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex jieħu kwalunkwe azzjoni li tispetta lilu fir-rigward tal-allegat nuqqas da parti tal-Uffiċjali tal-Pulizija li magħhom saru ir-rapporti mill-parti leża fiż-żminijiet u ħinijiet minnu indikati.

**Dr Kevan Azzopardi**
**Maġistrat**

**Josanne Gauci**
**Deputat Reġistratur**

**< Sentenza Finali >**

**-------------------------------TMIEM-------------------------------**